**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 21 ta' Novembru 2016**

**Rikors Numru. 59/16**

**David Debattista**

**-vs-**

**Awtorita` ghat-Trasport**
**f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tar-rikorrent ipprezentat fit-18 ta' Awissu 2016;

Ra r-risposta tal-Awtorita` intimata ipprezentata fit-13 ta' Settembru 2016;

Ra illi b'referenza ghat-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata, id-difensur tal-istess Awtorita` talab lil dan it-Tribunal jissoprassjedi sakemm jigu decizi proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent fuq il-mertu ta' dan ir-rikors;

Ra l-opposizzjoni tad-difensur tar-rikorrent;

**Ikkunsidra:**

Illi minn dak li gie mgharraf bih it-Tribunal, ir-rikorrent ghaddej jew se jghaddi proceduri kriminali fuq l-istess allegati nuqqasijiet mertu ta' dan l-appell.

Illi t-Tribunal jinnota illi ai termini tar-Regolament 71 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.59 l-Awtorita` ma tistghax tinizja proceduri kriminali ghal ksur tar-Regolamenti msemmijin fl-istess Legilazzjoni kontra persuna li ghandha pendenti appell quddiem dan it-Tribunal.

In huwa pacifiku illi l-provvediment tas-soprassessjoni huwa ndikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta sa din is-soluzzjoni.

Illi dan it-Tribunal ma jarax illi fil-kaz odjern hemm lok ghal tali soprasessjoni u ghalhekk qieghed jichad it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jordna l-prosegwiment tas-smiegh ta' dan l-appell.

Bl-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tal-Awtorita` intimata.

______________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**